

Farġa ta' Bulletin 30 - 6 ta' April 2020

Linji gwida dwar is-sospensjonijiet u t-terminazzjonijiet ta' għotjiet marbuta mas-sitwazzjoni tal-Covid-19



Sejħiet miftuħa

NEW

Applika għal finanzjament tal-UE biex tippromwovi l-prodotti agroalimentari tiegħek [hawnhekk](#).



Applika bħala espert estern biex tgħinna nevalwaw il-proposti tal-programm [hawnhekk](#).

X'Hejjem Ġdid

Minħabba t-tifqigħa tal-Covid-19, id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni taż-żewġ sejħiet għal proposti dwar "Provvista ta' informazzjoni u miżuri ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi f'konformità mar-[Regolament \(UE\) Nru 1144/2014](#)" ġiet posposta għat-3 ta' Ġunju 2020. Ġiet ippubblikata rettifika tas-sejħa f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE C 111 tat-3 ta' April 2020.

[Segwi l-aġġornamenti tas-sejħa u kkonsulta l-iskeda ta' żmien il-ġdida tas-sejħa](#)

[Dokument ta' gwida ġdid dwar is-sospensjonijiet u t-terminazzjonijiet](#) ta' ftehimiet ta' għotja li jirreferi b'mod partikolari għall-każijiet ta' force majeure issa jinsab disponibbli. Għalkemm id-dokument jirreferi għall-ġestjoni ta' programmi sempliċi, l-istess prinċipji japplikaw għall-ġestjoni ta' programmi multipli.

Barra minn hekk, it-taqsimha tal-[Mistoqsijiet frekwenti \(FAQ\)](#) ġiet aġġornata b'sensiela ta' mistoqsijiet frekwenti relatati mal-impatt tal-Covid-19 kif ukoll tal-Brexit fuq l-implimentazzjoni tal-programmi promozzjonali li għaddejjin.



Taqsimha tal-esportaturi

Il-Manwali dwar id-Dħul fis-Suq tal-Kolombja u tal-Vjetnam issa huma disponibbli fuq il-portal tagħna.

Il-manwali jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-opportunitajiet għas-settur agroalimentari fil-Kolombja u fil-Vjetnam, kif ukoll informazzjoni importanti dwar id-dħul fis-suq.

MANWALI: [Kolombja](#) - [Vjetnam](#)

Fit-taqsimha tal-[informazzjoni dwar is-suq](#) tal-portal tagħna hemm disponibbli wkoll Manwali Addizzjonali dwar id-Dħul fis-Suq.

Kalendarju

Paviljuni tal-UE fl-2020: Alimentaria, il-Messiku u SIAL China

L-UE se tipparteċipa f'Alimentaria (il-Messiku), u f'SIAL China (Shanghai) b'paviljun istituzzjonali. Il-paviljun tal-UE se joffri esperjenza immersiva fir-rigward tal-kwalità, is-sigurtà u l-awtentiċità ta' varjetà wiesgħa ta' prodotti agrikoli tal-ikel u tax-xorb fl-UE permezz ta' sessjonijiet ta' informazzjoni, wirjiet ta' tisjir u klassijiet ta' mgħallem, tidwiq tal-prodotti, akkoppjament u kwizzijiet.

[Aktar informazzjoni](#)

Tliff xi wieħed mill-webinars tagħna? Ara r-reġistrazzjonijiet tal-aħħar [webinar](#) tagħna.

Kampanja fiċ-ċentru tal-attenzjoni

Kampanji kofinanzjati approvati fl-2019

Il-parti l-kbira tal-programmi sempliċi u multipli approvati għall-kofinanzjament fl-2019 bdew bl-implimentazzjoni. Ara l-[mappa tal-kampanja](#) biex issir taf aktar dwar il-benefiċjarji, is-swieq fil-mira, is-setturi tal-prodotti promossi kif ukoll l-attivitajiet ippjanati.



Il-finanzjament tal-UE kif għen biex jiġu promossi l-prodotti agrikoli tal-ikel u tax-xorb ġewwa u barra l-UE

Ara l-ħames intervisti tagħna mal-benefiċjarji tal-programmi ta' promozzjoni li għaddejjin bħalissa u dawg tal-passat biex issir taf aktar dwar il-kampanji tagħhom, kif ukoll dwar il-fatturi ewlenin għas-suċċess.

Aqra aktar dwar il-[kampanja u ara l-paġni tal-kampanja](#)

- [Ara l-vidjos](#)

[#EUAgrIPromo](#)



[@EUAgrI](#)

Jekk jogħġbok ibgħatilna l-[feedback](#) tiegħek dwar il-webinars tagħna jew issuġġerixxi suġġett għdid għall-webinar.